**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum 5 ta' Marzu, 2021**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Matthew Spagnol)**

**vs**

**Lucia Patti**

**Mario Cali**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta'

**Lucia Patti** detentrici tal-karta tal-Identita Taljana bin-numru AX 7622350;

**Mario Cali** detentur tal-karta tal-permess ta' residenza Maltija bin-numru 166402A

Akkuzati talli nhar is-16 t' Awwissu 2018, ghall-habta tat-tlieta ta' filghodu (03:00hrs) minn gewwa Dragonara Casino San Giljan, ikkommettew serqa ta' kartiera ghad-detriment ta' Joseph Micallef, liema serqa hija aggravata bil-hin u bil-valur, liema valur ma jeccedix l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37)

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 28 ta' Novembru, 2018 (esebit a fol. 20 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Semghat il-provi.

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat

Illi l-fattispeci ta' dan il-kaz jitrattaw allegat serq ta' wallet mid-Dragonara Casino, San Giljan. Fis-16 ta' Awwissu 2018 Joseph Micallef irraporta[1] li dakinhar waqt li kien jinsab id-Dragonara Casino tefa l-kartiera tahtu fuq banketta. Wara ftit mar fuq magna tal-loghob u nesa l-kartiera fuq il-banketta.

[1] A fol 9 sa 12A tal-atti processwali

Kif induna u mar lura fejn kien qabel il-kartiera ma nstabitx. Joseph Micallef xehed fl-udjenza tal-1 ta' Marzu 2019 (a fol 29 sa 33 tal-atti processwali) fejn qal li kif ma sabx il-kartiera mar fuq is-security personnel tal-post u ndikalhom li kien qed jissuspetta fl-imputati ghaliex kien hemm huma biss fil-vicinanzi ta' fejn huwa kien halla l-kartiera. L-imputati cahdu mas-security personnel li kienu huma li hadu il-kartiera in dizamina. Skond Micallef fil-kartiera kellu €255 ghaliex il-bqija kien laghbhom. Mis-CCTV footage esebit a fol 54 tal-atti processwali jidher l-imputat joqghod bilqeghda fuq il-wallet li kien hemm fuq il-banketta, jiehu l-wallet min tahtu u jpoggih fil-handbag tal-imputata li kienet resqet lejh u huma mbaghad it-tnejn marru lejn it-toilets. Meta saret tfittxija fuq iz-zewg imputati qabel ma huma telqu mill-casino ma nstab xejn fuqhom.

Illi l-imputati ghazlu li ma jixdhux f'dawn il-proceduri izda fl-istqarrija[2] rilaxxjata mill-imputat Mario Cali fil-21 ta' Awwissu 2018 huwa jghid li fis-16 ta' Awwissu waqt li kien id-Dragonara Casino ra kartiera fuq seat hdejn magna tal-loghob, zewg seats il-boghod minn fejn kienet l-imputata l-ohra. L-imputat ha l-kartiera u ta lill-imputata l-ohra li marret it-toilet. Hija qaltlu li ma kienx hemm flus fil-wallet u ghalhekk u tefatu f' bin li kien jinsab fit-toilets. Fl-istqarrija taghha Lucia Patti tghid il-kartiera kien fiha biss ritratti u cards u li hija kienet ramitha. Aktar tard meta marru s-security ifittxu fil-basket taghha huma ma sabu xejn.

Ikkunsidrat:

Id-definizzjoni ta' serq li giet adottata mill-gurisprudenza Maltija hija dik moghtija mill-Carrara, u li fiha tirrifletti l-elementi kollha tas-serq jigifieri l-kontrattazzjoni

[2] A fol 13 sa 14 tal-atti processwali

doluza ta' oggett li jappartjeni lil haddiehor akkwizit b'mod frawdolenti bil-hsieb li jaghmel il-qliegh mir-res furtiva.

Skond il-Professur Mamo fin-Noti tiegħu, din id-definizzjoni tikkomprendi t-totalita' ta' hames elementi li lkoll iridu jigu sodisfatti sabiex persuna mixlija b'serq tkun tista' tigi misjuba hatja, jigifieri:

1. The contrectatio of a thing;
2. belonging to others;
3. made fraudulently;
4. without the consent of the owner;
5. animo lucrandi

It-tifsira tal-contrectatio kif mistqarra mill-istess Carrara tqis li s-serq ikun kompletat mal-mument li l-halliel ikun qieghed idu fuq l-effett mobbli li huwa jkun irid jisraq u jkun caqlaq dak l-oġġett bil-hsieb li huwa jnehhieh u jiehdu mieghu lil hemm mill-post fejn kien jinstab u fejn sidu jkun hallih. Il-Professur Mamo jishaq illi skont din l-interpretazzjoni ta' Carrara li thadnet minn dawn il-Qrati:

> Theft is completed and not merely attempted although the thing removed from the place where the owner left it, is put by the thief in some other place in the same room

L-imputati jinsabu akkuzati wkoll bic-cirkostanzi aggravanti elenkati fl-artikolu 267, 270 u 279(a) tal-Kap. 9 cjoe bil-valur u bil-hin.

Fil-fehma tal-Qorti l-verzjoni tal-imputati mhijiex verosimili u l-Qorti ma taqbilx mad-Difiza li r-reat li jirrizulta huwa dak kontravenzjonali konsistenti filli li huma naqsu milli jghaddu l-kartiera li sabu lill-Pulizija entro erbat ijiem mis-sejbien taghha.

Il-Qorti jidrilha li mic-CCTV footage u mill-provi l-ohra mressqa mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz jirrizulta car li l-intenzjoni taz-zewg imputati kienet li jiehdu il-kartiera li huma indunaw li kienet thalliet fuq il-banketta bi zball minn sidha, li jfittxu x'kien hemm fil-kartiera u jzommu dak li kien hemm fiha. Mill-istqarrija tal-imputati jirrizulta li l-imputati kien jafu ben tajjeb li l-kartiera misjuba ma kinitx taghhom. Li kieku l-imputati ma kellhomx intenzjoni li jiehdu l-kartiera l-imputat Mario Cali ma kienx ipoggi l-kartiera misjuba fil-basket tal-imputata. L-intenzjoni tal-imputata Lucia Patti mbaghad tirrizulta meta hija stqarret li marret fit-toilet u hemmhekk fittxet fil-kartiera sabiex tara x'kien fiha. Li kieku l-intenzjoni ma kinitx wahda ta serq il-kartiera la kienet titpogga fil-basket tal-imputata, la kienet issir tfittxija fiha u lanqas kienet tintrema. Ghalhekk il-fatt tal-kaz jinkwadraw fir-reat ta' serq li jinsabu akkuzati bih l-imputati. Il-Qorti m'ghandiex dubju li fil-kartiera tal-parte civile kien hemm €255 abbazi tax-xhieda ta' Joseph Micallef li spjega wkoll li l-ammont li originarjament kellu fil-kartiera kien ta' €455 izda kien lahaq laghab €200 minnhom u ghalhekk kien ghad fadallu €255.

Ghalhekk l-imputati ser jinstabu hatja tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront taghhom inkluz tal-aggravanti kemm in kwantu ghall-valur stante li l-ammont jizboq is-somma ta' €232.94 kif ukoll in kwantu ghall-hin peress li r-reat gie kommess sar ghal habta tat-tlieta ta' filghodu.

Ghall-finijiet ta piena l-Qorti ikkunsidrat il-fatt li l-imputati ghandhom fedina penali nadifa u ghalhekk ser tapplika l-Artikolu 22 u 24 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 261, 267, 270 u 279 (a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti ssib lill-imputati hatja tal-imputazzjoni migjuba fil-konfronti taghhom u b'applikazzjoni tal-Artikoli 22 u 24 tal-Kap 446 tilliberahom bil-kundizzjoni li ma jikkommettux reat iehor sa zmien sentejn (2) millum u bil-kundizzjoni li sa zmien tlett (3) xhur millum jirrifondu lil Joseph Micallef is-somma ta' mitejn u hamsa u hamsin Ewro (€255).

**Magistrat**

Graziella Abela

Deputat Registratur